MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 1709/2005

**Noel u Silvana konjugi Muscat**
**(I.D. 162758(M) u 17765(M) rispettivament)**

**Vs**

**Suzanne Harold**
**Passaport Nru 4100049101**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu l-atturi qed jitolbu lil l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi is-somma ta' erba' mija u u erbgha uhamsin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmi (Lm454.74) rapprezentanti arretrati ghall-perjodu lokatizzju tal-fond 'Shamrock', 2, fi Triq il-

Palm, San Giljan, liema fond l-atturi kienu jikru lill-konvenuta, u dovuti in kwantu ghas-somma ta' Lm227.68 rapprezentanti bilanc fuq il-kont tad-dawl u ilma, Lm60 rapprezentanti hlas ghar-ristallazjoni tas-servizzi ta' l-istess dawl u ilma wara illi dawn gew sospizi konsegwenza tan-nuqqas ta' hlas, Lm69.06 rapprezentanti bilanc fuq il-kont tat-telefon, Lm90 rapprezentanti arretrati tal-kera u Lm8 rapprezentant r-rimpjazzar ta' cilindru tal-gas.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji ta' sekwestru (Nru. 1892/05) u ta' qbid (Nru. 1891/05) u bl-imghaxxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta tas-27 ta' Settembru 2005 li permezz taghha eccepiet illi :

I) Illi in vista preliminari din il-kawza hija intempestiva stante li waqt li l-konvenuta kienet qed tistenna li tircievi breakdown ta' l-ammont allegatament dovut mill-atturi li fil-fatt ircevietu fl-24 ta' Awissu 2005 (DOK SH1) l-atturi kienu diga pprezentaw il-mandati fis-17 ta' Awissu 2005 minghajr qatt ma taw ebda hjiel u minghajr ebda korrispondenza mal-konvenuta fuq il-kwistjoni odjerna u ghar-ragunijiet imsemmija l-konvenuta ma thossix responsabbli ghall-ispejjez tal-kawza u tal-mandati meta dawn setghu facilment gew evitati;

II) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in subbordinazzjoni ghandu jinghad li l-ammont ta' Lm454.74 mhuwiex korrett stante li l-konvenuta nhar il-Gimgha 2 ta' Settembru 2005 kienet ghamlet pagament (Dok SH2) ghall-ammont totali ta' Lm235.68 in kwantu Lm227.68 rapprezentani l-bilanc fuq il-kont tad-dawl u ilma in kwantu Lm8 rapprezentani r-rimpjazzar tac-cilindru tal-gas u li ghalhekk dan l-ammont ghandu jigi mnaqqas biex jirrifletti l-pagament maghmul mill-konvenuta. Dan il-pagament sar minkejja li qatt ma irceviet kopja tal-kont allegatament dovut ;

III) Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li l-konvenuta ma hijiex responsabbli ghall-ammonti mitluba ghar-ragunijiet segwenti : (a) kif ser jigi ppruvat mill-"account history" mal-Water Services Corporation, liema akkont kien f'isem l-atturi, l-konvenuta dejjem hallset il-pagamenti dovuti sa l-1 ta' Lulju 2005 sa kemm hija baqghet inkwilina fil-fond ta' l-atturi u ghalhekk zgur illi s-sospensjoni ma kienx konsegwenza ta' nuqqas ta' hlas. Zgur jekk kien hemm din it-theddida kella tinghata kopja tal-korripondenza.

IV) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti ;

Ha konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijiet finali pprezenati mir-rispettivi Avukati ;

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidra :

Illi l-atturi qed jitolbu l-hlas ta' erba` mija u erbgha u hamsin Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm454.74) rapprezentanti :

- Lm227.68 bilanc fuq kont tad-dawl u ilma
- Lm60 hlas ghar-ristallazzjoni tas-servizzi ta' dawl u ilma
- Lm69.06 bilanc fuq kont tat-telefon
- Lm90.00 arretrati ta' kera u
- Lm8.00 rimpjazzar ta' cilindru tal-gas u dan kollhu wara illi l-atturi kienu krew lill-konvenuta l-fond 2, Shamrock, Triq il-Palm, San Giljan.

Illi l-konvenuta tiddefendi ruha billi tecepixxi illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva peress illi hija kienet qed tistenna *breakdown* ta' l-ispejjes u dan rcevietu biss fl-24 ta' Awissu 2005 meta l-Mandati saru fis-17 ta' Awissu 2005.

Di piu` l-konvenuta tghid illi fit-2 ta’ Settembru 2005 kienet ghamlet hlas ta’ mitejn u hamsa u tletin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm235.68) rapprezentanti in kwantu ghal mitejn u seba u ghoxrin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm227.68) bilanc fuq kont ta’ dawl u ilma u tmien Liri Maltin (Lm8) ghar-rimpjazzar tac-cilindru tal-gas.

Oltre` dan l-konvenuta twiegeb ghat-talba attrici billi tghid illi ma ghandiex thallas dak mitlub peress illi hija dejjem hallset il-kontijiet ta-dawl u ilma sakemm baqghet inkwilina u kull sospensjoni tal-provvista ma’ setghet qatt kienet ghal ragunijiet attribwibbli lilha.

Ukoll dwar il-kontijiet tat-telephone illi hija kienet thallas rental charge a buona volonta taghha u ma kinitx taghmel uzu mill-linja fuq isem is-sidien.

Illi finalment tecepixxi illi ma hemmx arretrati ta’ kera peress illi vvakat mill-fond fl-1 ta’ Lulju 2005 u hallset il-kera kollha dovuta.

In sostenn tal-pretensjonijiet attrici xehdu l-istess atturi.

Noel Muscat xehed illi huma kienu krew il-fond de quo lill-konvenuta ghal madwar sitt snin, u l-ahhar kera kienet dik ta’ Lm160 fix-xahar, Xehed illi kien ha b’depositu fil-bidu tal-lokazzjoni s-somma ta’ Lm150. Jirreferi ghal Dok A (fol 18) illi huwa skambju li sar bejn il-kontendenti via e-mail.

Filwaqt illi jikkonferma l-breakdown tas-somma mitluba bl-Avviz, jaghmel referenza ghad-dokumenti Dok C (fol 24), Dok B (fol 21), li jikkontendi illi jaghmlu l-prova illi huwa hallas Lm227.68 u Lm60 lill-Water Services Corporation u Lm69.06 lill-Maltacom plc. Jikkonferma illi qed jitlob wkoll Lm19 bilanc ta’ kera dovuta u Lm8 prezz ta’ cilindru tal-gas.

Jispjega l-attur illi c-cekk fl-ammont ta’ Lm235.68 kien rcevieh wara illi ntavola l-proceduri odjerni. In kontro-ezami l-attur jghid ghal darba darbtejn illi l-konvenuta

talbet breakdown tal-kont biss wara illi gew inizjalati l-proceduri. Dwar il-linja tat-telephone illi fuqha sar xi hlas lill-Maltacom plc l-attur jghid illi l-konvenuta qatt ma gharrfitu illi ma kienitx taghmel uzu minnha.

Il-konvenuta kkonfermat dak kollu li xehed zewgha.

Ikkunsidra d-dokumenti kollha esebiti mill-atturi, anke bin-nota taghhom tal-21 ta' Ottubru 2005 u minn analizi taghhom it-Tribunal jinnota illi l-atturi dejjem kienu kostanti fit-talbiet taghhom u l-posizzjoni taghhom qatt ma nbidlet.

Ikkunsidra d-dikjarazzjoni maghmula minn Dr Peter Fenech ghall-konvenuta - kif verbalizzata fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2005 – cioe` - *Dr Peter Fenech declares that the cheque which plaintiff received (kopja tieghu a fol 28) may without prejudice be cashed on account of the water bill and gas cylinder claim*.

Illi sorvolati allura mitejn u hamsa u tletin Liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm235.68) mis-somma totali mitluba, jibqa` biss illi dan it-Tribunal jiddeciedi dwar is-somma bilancjali ta' mitejn u dsatax il-Liri Maltin u sitt centezmi (LM219.06), rapprezentanti sittin (Lm60) hlas tar-ri installazzjoni tas-servizz ta' dawl u ilma, disa` u sittin Liri Maltin ui sitt centezmi (Lm69.06) bilanc fuq kont tat-telephone u disghin Liri Maltin (Lm90) arrettrati ta' kera.

Illi wara illi fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2006 gie pprezentat affidavit tal-konvenuta b'xi dokumenti, fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2006, Dr Sarah Galea ghall-istess konvenuta stqarret illi l-konvenuta infurmatha illi "*kien impossibli ghaliha illi tattendi ghal xi seduta u li ma kinitx disposta li tigi ghall-kontro-ezami*".

Illi l-atturi talbu l-isfilz ta' l-affidavit tal-konvenuta u Dr Sarah Galea ma opponitx, sabiex it-Tribunal ghadda biex iddegrieta seduta stante fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2006, billi ordna l-isfilz tan-nota bl-Affidavit tal-konvenuta.

Illi bhala l-uniku xhud tal-konvenuta tressaq Joseph Caruana (Water Services Corporation) li xehed fid-19 ta'

Jannar 2006 illi mill-file relattiv ghall-fond de quo kien jirrizulta illi l-istess WSC ghamlet request sabiex tinqata` l-provvista tad-dawl minhabba kont pendenti fl-ammont ta' Lm146 – u tali talba saret f'Jannar 2004.

L-istess rapprezentant tal-WSC jghid ili l-kont kien thallas kollu u ma ghandux record jekk in effetti s-servizz nqatghax jew le.

Jghid wkoll illi ma tidhirx penali ta' Lm60 li tithallas meta jigi ri-installat servizz. Pero` muri d-dokumenti a fol 24 tal-process, ma eskludiex illi sar il-hlas ta' LM60 ghar-ristallazzjoni tas-servizz.

Dwar il-kont pendenti li wassal ghat-talba ghall-qtugh tas-servizz x-xhud qal illi saru talbiet ghall-hlas fl-10 ta' Ottubru 2002, f'Mejju 2003 u finalment f'Novembru 2003 – u meta l-hlas baqa` ma' sarx, f'Jannar 2004 ntalab il-qtugh tas-servizz.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mill-apprezzament tal-provi kollha prodotti it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni illi s-somma ta' mitejn u dsatax il-Liri Maltin u sitt centezmi (Lm219.06) rapprezentanti sittin Liri Maltin (Lm60) hlas tar-ristallazzjoni tas-servizz ta' dawl u ilma, disa` u sittin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm69.06) bilanc fuq kont tat-telephone u disghin Liri Maltin (Lm90) arrettrati ta' kera huma dovuti mill-konvenuta.

In kwantu ghall-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u partikolarment dik dwar l-intempestivita` tal-proceduri odjerni, it-Tribunal, mill-provi kollha mressqa, jasal biex jikkonkludi illi tali eccezzjoni hija insostenibbli – u dan in vista partikolarment tal-fatt illi kien hemm qabel il-prezentata ta' l-Avviz, korrispondenza ampja, inkluz bi *breakdown* ta' dak li kien mitlub mill-konvenuta, ghall-liema korrispondenza hemm anke twegibiet.

In kwantu l-eccezzjoni illi l-ammont mitlub mill-konvenuta mhux korrett, it-Tribunal gia esprima illi mill-provi kollha

prodotti jirrizulta illi parti mis-somma mitluba huma ammessi, filwaqt illi l-ammont bilancjali jirrizulta dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, jilqa` t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u hamsin Liri Maltin u erba` u sebghin centezmi (Lm454.74). bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

Ghandu jitnaqqas kull ammont mhallas mill-konvenuta, jekk tali hlas sar b'mod effettiv, mis-sorte hawn fuq deciz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------